



**▼B****REGOLAMENT TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW (UE)  
Nru 795/2014****tat-3 ta' Lulju 2014****dwar ir-rekwiżiti ta' sorveljanza għal sistemi ta' ħlas sistemikament  
importanti****(BĊE/2014/28)***Artikolu 1***Suġġett u ambitu**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' superviżjoni għas-SIPS.

**▼M2**

2. Il-Kunsill Governattiv għandu jadotta deċiżjoni motivata li tidentifika s-sistemi ta' ħlas li huma suġġetti għal dan ir-Regolament, l-operaturi rispettivi tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti. Din il-lista għandha tinżamm fuq is-sit elettroniku tal-BĊE u tiġi aġġornata wara kull bidla.

**▼B**

3. Sistema ta' ħlas għandha tiġi identifikata bħala SIPS jekk: (a) tkun eliġibbli li tiġi nnotifikata bħala sistema skont id-Direttiva 98/26/KE minn Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro jew jekk l-operatur tagħha jkun stabbilit fiż-żona tal-euro, inkluż stabbiliment permezz ta' fergħa, li permezz tagħha titħaddem is-sistema; u (b) tal-inqas tnejn minn dawn li ġejjin iseħħu matul sena kalendarja:

(i) il-valur medju totali ta' kuljum tal-ħlasijiet ipproċessati ddenominati feuro jaqbeż EUR 10 biljun;

**▼M1**

(ii) il-ħlasijiet totali ddenominati feuro pproċessati jirrappreżentaw mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

— 15 % tal-volum totali tal-ħlasijiet denominati feuro fl-Unjoni,

— 5 % tal-volum totali tal-ħlasijiet transkonfinali ddenominati feuro fl-Unjoni,

— sehem fis-suq ta' 75 % tal-volum totali tal-ħlasijiet denominati feuro fil-livell ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro;

**▼B**

(iii) l-attività transkonfinali tiegħu (jiġifieri parteċipanti stabbiliti f'pajjiż li mhux operatur ta' SIPS u/jew konnessjonijiet transkonfinali ma' sistemi ta' ħlas oħrajn) tkun tinvolvi f'ames pajjiżi jew iktar u tiġġenera minimu ta' 33 % tal-volum totali tal-ħlasijiet iddenominati feuro pproċessati minn dik is-SIPS;

(iv) huwa użat għas-saldu ta' IFM oħra.

▼ **M1**

Eżerċizzju ta' identifikazzjoni għandu jsir fuq bażi annwali.

▼ **M2**

3a. Minkejja l-paragrafu 3, il-Kunsill Governattiv, filwaqt li jeżerċita għidizzju sod u motivat, jista' jiddeċiedi wkoll skont il-paragrafu 2 li sistema ta' ħlas għandha tiġi identifikata bħala SIPS f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- a) fejn tali deċiżjoni tkun xierqa meta jitqiesu n-natura, id-daqs u l-kumplessità tas-sistema ta' ħlas; in-natura u l-importanza tal-parteċipanti tagħha; is-sostitwibbiltà tas-sistema ta' ħlas u d-disponibbiltà ta' alternattivi għaliha; u r-relazzjoni, l-interdipendenzi, u interazzjonijiet oħra li s-sistema għandha mas-sistema finanzjarja usa';
- b) fejn sistema ta' ħlas ma tissodisfax il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 unikament minħabba li l-kriterji stabbiliti fil-punt (b) tal-paragrafu 3 iseħħu fuq perjodu ta' inqas minn sena kalendarja u jkun plawżibbli li s-sistema ta' ħlas tibqa' tissodisfa l-kriterji meta tiġi vvalutata fir-reviżjoni ta' verifika li jkun imiss.

3a. Deċiżjoni adottata taħt il-paragrafu 2 għandha tibqa' fis-seħħ sakemm titħassar. Ir-reviżjonijiet tal-verifika ta' sistemi ta' ħlas li ġew identifikati bħala SIPSs għandhom isiru fuq bażi annwali sabiex jiġi vverifikat li s-sistemi ta' ħlas ikomplu jissodisfaw il-kriterji biex jiġu identifikati bħala SIPSs. Deċiżjoni adottata skont il-paragrafu 2 għandha tiġi mħassra jekk:

- (a) f'żewġ reviżjonijiet ta' verifika konsekuttivi jiġi vverifikat li SIPS ma tkunx issodisfat il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 u/jew fil-paragrafu 3-a; jew
- (b) f'reviżjoni ta' verifika waħda jiġi vverifikat li SIPS ma tkunx issodisfat il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 u/jew fil-paragrafu 3-a u l-operatur tas-SIPS juri, għas-sodisfazzjon tal-Kunsill Governattiv, li s-SIPS x'aktarx li ma tkunx se tissodisfa daww il-kriterji qabel ir-reviżjoni tal-verifika li jkun imiss.

3b. L-operatur tas-sistema ta' ħlas għandu jkollu d-dritt li jitlob reviżjoni mill-Kunsill Governattiv tad-deċiżjoni li tidentifika s-sistema ta' ħlas ikkonċernata bħala SIPS fi żmien 30 jum minn meta jirċievi dik id-deċiżjoni. It-talba għandha tinkludi l-informazzjoni kollha ta' sostenn u għandha tiġi indirizzata bil-miktub lill-Kunsill Governattiv. Il-Kunsill Governattiv għandu jinnotifika deċiżjoni motivata bil-miktub bi tweġiba għal tali talba lill-operatur tas-sistema ta' ħlas. L-avviż bil-miktub għandu jinforma lil dak l-operatur bid-dritt tiegħu għal sħarriġ għidizzjarju f'konformità mat-Trattat. Jekk ma tkun ittieħdet l-ebda deċiżjoni mill-Kunsill Governattiv fi żmien xahrejn mit-talba, ir-reviżjoni għandha titqies miċħuda.

▼ **M1**

4. L-operaturi SIPS għandhom jikkooperaw, fuq bażi kontinwa, mal-awtorità kompetenti u jiżguraw il-konformità tas-SIPS li huma joperaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 3 sa 21, inkluż f'termini tal-effettività ġenerali tar-regoli, proċeduri, proċessi u oqfsa tagħhom. L-operaturi SIPS għandhom jikkooperaw ulterjorment mal-awtorità kompetenti sabiex jiffaċilitaw l-oġettiv aktar wiesa' li jippromwovu l-operat mingħajr xkiel ta' sistemi ta' ħlas flivell sistemiku.

**▼B***Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

- (1) “sistema ta' ħlas” tfisser arranġament formali bejn tliet parteċipanti jew iktar, mingħajr ma jingħaddu banek possibbli tas-saldu, l-istabbilimenti ċentrali tar-rilaxx tal-kontropartijiet jew parteċipanti indiretti, b'regoli komuni u arranġamenti standardizzati għall-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment bejn il-parteċipanti;
- (2) “ordni ta' trasferiment” għandha l-istess tifsira mogħtija fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(i) tad-Direttiva 98/26/KE;
- (3) “riskju sistemiku” tfisser ir-riskju li jekk parteċipant jew operatur ta' SIPS ma jissodisfawx l-obbligi rispettivi tagħhom f'SIPS, dan iwassal biex parteċipanti oħrajn u/jew l-operatur ta' SIPS ma jkunux jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom meta dawn isiru dovuti, potenzjalment b'effetti konsegwenzjali li jheddu l-istabilità tas-sistema finanzjarja jew il-kunfidenza fiha;
- (4) “operatur ta' SIPS” tfisser entità ġuridika li tkun responsabbli legalment biex tħaddem SIPS;

**▼M2**

- (5) “awtorità kompetenti” tfisser:
  - (a) il-bank ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema b'responsabbiltà primarja ta' sorveljanza hekk identifikat skont l-Artikolu 1(2); jew
  - (b) fir-rigward ta' sistema ta' ħlas li hija SIPS li tissodisfa l-kriterji fl-Artikolu 1(3)(iii) “awtorità kompetenti” tfisser jew:
    - (i) il-BĊE; jew
    - (ii) fejn bank ċentrali nazzjonali tal-Eurosistema kien fdat bir-responsabbiltà primarja ta' sorveljanza għal perjodu ta' ħames snin jew aktar immedjatament qabel ma tkun ittiegħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 1(2), kemm il-BĊE kif ukoll dak il-bank ċentrali nazzjonali;

**▼B**

- (6) “SIPS tal-Eurosistema” tfisser SIPS li hija l-proprjetà ta' u mħaddma minn bank ċentrali tal-Eurosistema;
- (7) “riskju legali” tfisser riskju li jinholq mill-applikazzjoni ta' liġi jew regolament, li normalment jirriżulta ftelf;

**▼B**

- (8) “riskju ta' kreditu” tfisser ir-riskju li kontroparti, kemm jekk parteċipant jew entità oħra, ma tkunx tista' jissodisfa kompletament l-obbligiobbligi finanzjarji tagħha meta jkunu dovuti jew f'xi żmien fil-futur;
- (9) “riskju ta' likwidità” tfisser ir-riskju li kontroparti, kemm jekk parteċipant jew entità oħra, ma jkollhiex biżżejjed fondi biex tissodisfa l-obbligi finanzjarji tagħha meta dawn isiru dovuti, għalkemm jista' jkollha fondi suffiċjenti biex tagħmel dan fil-futur;
- (10) “riskju operazzjonali” tfisser ir-riskju li d-defiċjenzi f'sistemi tal-informazzjoni jew proċessi interni, żbalji umani, nuqqasijiet ta' ġestjoni, jew interruzzjonijiet ikkawżati minn avvenimenti esterni jew servizzi esternalizzati ser jirriżultaw fit-tnaqqis, deteriorament jew falliment tas-servizzi pprovduti minn SIPS;
- (11) “riskju ta' kustodja” tfisser ir-riskju li jiġġarrab telf fuq assi miżmuma f'kustodja f'każ ta' insolvenza tal-kustodju jew tas-subkustodju, negliġenża, frodi, amministrazzjoni ħażina jew żamma tar-rekords inadegwata;
- (12) “riskju tal-investment” tfisser ir-riskju tat-telf li jiffaċċja operatur jew parteċipant ta' SIPS meta l-operatur ta' SIPS jinvesti r-riżorsi tiegħu stess jew dawk tal-parteeċipanti tiegħu, eż. kollateral;
- (13) “riskju tas-suq” tfisser ir-riskju ta' telf, f'pożizzjonijiet kemm fuq il-karta tal-bilanċ kif ukoll barra minnha, li jirriżultaw minn movimenti fil-prezzijiet tas-suq;

**▼M1**

- (14) “sistema ta' saldu nett differita” (sistema DNS) tfisser sistema li fir-rigward tagħha s-saldu fi flus ta' bank ċentrali jseħħ fuq bażi netta fl-aħħar ta' ċiklu ta' saldu predefinit, eż. fl-aħħar ta', jew matul, jum tax-xogħol;

**▼B**

- (15) “kollateral transkonfinali” tfisser kollateral li minnu, mill-perspettiva tal-pajjiż fejn l-assi huma aċċettati bħala kollateral, mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin huwa barrani: (a) il-munita tad-denominazzjoni; (b) il-pajjiż fejn jinsabu l-assi; jew (c) il-pajjiż li fih l-emittent huwa stabbilit;
- (16) “ħlas transkonfinali” tfisser ħlas bejn parteċipanti stabbiliti f'pajjiżi differenti;
- (17) “infrastruttura tas-suq finanzjarju” (ISF) tfisser sistema multilaterali fost l-istituzzjonijiet parteċipanti, inkluż l-operatur tas-sistema, użata biex tiċċara, tissalda jew tirreġistra ħlasijiet, titoli, derivattivi, jew tranżazzjonijiet finanzjarji oħrajn;

▼ **M1**

- (18) “parteċipant dirett” tfisser entità legali li għandha relazzjoni kuntrattwali ma' operatur SIPS, hija marbuta bir-regoli ta' SIPS rilevanti, titħalla tibgħat ordnijiet ta' trasferiment lil dik is-sistema u hija kapaċi tirċievi ordnijiet mingħandha;
- (18a) “parteċipant indirett” tfisser entità legali li m'għandhiex aċċess dirett għas-servizzi ta' SIPS u tipikament mhijiex marbuta direttament bir-regoli ta' SIPS rilevanti, li l-ordnijiet ta' trasferiment tagħha huma kklerjati, imħallsa u rreġistrati mis-SIPS permezz ta' parteċipant dirett. Parteċipant indirett għandu relazzjoni kuntrattwali ma' parteċipant dirett. L-entitajiet legali rilevanti huma llimitati għal:
- (i) istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefiniti fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>,
  - (ii) ditti ta' investiment kif iddefiniti fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>,
  - (iii) kwalunkwe impriża li l-uffiċċju prinċipali tagħha jkun barra mill-Unjoni u li l-funzjonijiet tiegħu jikkorrispondu għal dawk ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment tal-Unjoni, kif fil-punti (i) u (ii),
  - (iv) l-awtoritajiet pubbliċi u impriżi ggarantiti pubblikament, u kontropartijiet ċentrali, aġenti ta' saldu, kmamar tal-ikklerjar u operatori ta' sistemi kif iddefiniti fl-Artikolu 2(c), (d), (e) u (p) tad-Direttiva 98/26/KE,
  - (v) istituzzjonijiet ta' ħlas u istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi kif iddefiniti fil-punt (4) fl-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> u l-punt (1) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>;

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

<sup>(2)</sup> Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

<sup>(3)</sup> Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

<sup>(4)</sup> Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negożju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

**▼B**

- (19) “il-Bord” tfisser bord amministrattiv jew superviżorju ta' operatur ta' SIPS, jew it-tnejn, skont il-liġi nazzjonali;
- (20) “il-Maniġment” tfisser diretturi eżekuttivi, jiġifieri membri ta' bord unitarju li huma involuti fit-tmexxija ta' kuljum tal-operatur ta' SIPS u membri ta' bord maniġerjali tal-operatur ta' SIPS f'sistema b'żewġ bordijiet;
- (21) “partijiet interessati rilevanti” tfisser parteċipanti, ISF li għandhom impatt fuq ir-riskju f'SIPS, u fuq bażi ta' każ b'każ, atturi oħra tas-suq ikkonċernati;
- (22) “skopertura tal-kreditu” tfisser ammont jew valur fir-riskju li parteċipant mhuwiex ser iħallas bil-valur sħiħ, la meta jkun dovut u lanqas f'xi ħin wara;
- (23) “kollateral” tfisser attiv jew impenn ta' parti terza li jintuża minn fornitur ta' kollateral biex jiġi żgurat obbligu fil-konfront ta' prenditur tal-kollateral. Kollateral jinkludi kemm kollateral domestiku kif ukoll transkonfinali;
- (24) “fornitur tal-likwidità” tfisser fornitur ta' flus kontanti taħt l-Artikoli 5(3), 6(5), 8(1), 8(9) u 8(11) jew attiv taħt l-Artikolu 8(4), inkluż parteċipant tas-SIPS jew parti esterna;
- (25) “kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli” tfisser ġabra sħiħa ta' kundizzjonijiet storiċi u ipoteki, inklużi l-perjodi l-aktar volatili li jkunu esperjenzaw is-swieq li taqdi s-SIPS;
- (26) “data maħsuba tas-saldu” tfisser id-data li tiddaħħal fis-SIPS bħala d-data tas-saldu minn min jibgħat ordni ta' trasferiment;
- (27) “riskju ġenerali ta' negozju” tfisser indeboliment potenzjali tal-pożizzjoni finanzjarja tas-SIPS bħala negozju avvjat bħala konsegwenza ta' tnaqqis fid-dħul tiegħu jew żieda fl-ispejjeż tiegħu, billi l-ispejjeż jeċċedu d-dħul u jirriżultaw ftelf li jkollu jittieħed mill-kapital;
- (28) “pjan ta' rkupru” tfisser pjan żviluppat minn operatur ta' SIPS biex jistabbilixxi mill-ġdid l-operat bla xkiel ta' SIPS;
- (29) “pjan ta' stralċ ordnat” tfisser pjan żviluppat minn operatur ta' SIPS għall-għeluq ordnat ta' SIPS;
- (30) “materjal” jikkwalifika riskju, dipendenza u/jew bidla li tista' taffettwa l-abbiltà ta' entità li twettaq jew tipprovdi servizzi kif mistenni;
- (31) “awtoritajiet rilevanti” tfisser awtoritajiet li għandhom interess leġittimu fl-aċċess għall-informazzjoni minn SIPS li jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji tagħhom, eż. awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u superviżuri tal-partiċipanti ewlenin;

**▼ B**

- (32) “riskju prinċipali” tfisser ir-riskju li kontroparti titlef il-valur sħiħ involut fi tranżazzjoni, jiġifieri jew ir-riskju li bejjiegħ ta' attiv finanzjarju ser jikkonsenja l-attiv b'mod irrevokabbli, iżda ma jirċevix il-ħlas, jew ir-riskju illi xerrej ta' attiv finanzjarju ser għall-attiv b'mod irrevokabbli, iżda ma jirċeviehx;
- (33) “bank kustodju” tfisser bank li jżomm u jissalvagwardja l-assi finanzjarji ta' partijiet terzi;
- (34) “bank tas-saldu” tfisser bank li jżomm kontijiet fir-rigward ta' ħlasijiet, fejn iseħħ il-ħelsien mill-obbligi li jirriżultaw minn sistema ta' ħlas;
- (35) “aġent *nostro*” tfisser bank użat minn parteċipanti f'SIPS għal saldu;
- (36) “ħlas unilaterali” tfisser ħlas li jinvolvi trasferiment wieħed biss ta' fondi f'munita waħda;
- (37) “ħlas bilaterali” tfisser ħlas li jinvolvi żewġ trasferimenti ta' fondi f'muniti differenti f'sistema ta' saldu ta' skambju għall-valur;
- (38) “riskju ta' direzzjoni żbaljata” tfisser riskju li jirriżulta minn skopertura għal parteċipant jew emittent meta l-kollateral pprovdut minn dak il-partiċipant jew maħruġ minn dak l-emittent huwa korrelat ta' ħafna mar-riskju tal-kreditu tiegħu;
- (39) “ġurnata ta' negozju” għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 2(n) tad-Direttiva 98/26/KE;

**▼ M1**

- (40) “direttur indipendenti” ifisser membru mhux eżekuttiv tal-Bord li ma għandux relazzjoni ta' negozju, familjari jew mod ieħor li jqajjem kunflitt ta' interess dwar l-operatur ta' SIPS jew is-SIPS, l-azzjonisti kontrollanti tagħhom, il-maniġment tagħhom jew il-partiċipanti tagħhom, u li ma kellu l-ebda tali relazzjoni matul is-sentejn qabel is-sħubija tagħhom fil-Bord;
- (41) “affiljata” tfisser kumpannija li tikkontrolla lill-partiċipant, jew li hija kkontrollata minnu jew taħt il-kontroll tiegħu. Kontroll ta' kumpannija huwa ddefinit bħala (a) sjieda, kontroll jew partiċipazzjoni ta' 20 % jew iżjed ta' klassi ta' titoli ta' votazzjoni ta' kumpannija; jew (b) konsolidazzjoni tal-kumpannija għal finijiet ta' rappurtar finanzjarju;
- (42) “sitwazzjoni ta' emerġenza” tfisser avveniment, okkorrenza jew ċirkustanza li hija kapaċi twassal għal telf jew ostakolar f'operazzjonijiet, servizzi, jew funzjonijiet tas-SIPS, inklużi ndħil ma' jew prevenzjoni ta' saldu finali;



**▼ M1**

- (43) “obbligi finanzjarji” ifissru obbligi legali li jirriżultaw, fi ħdan is-SIPS, bejn il-parteciċpanti jew bejn parteciċpanti u l-operatur ta' SIPS, bħala konsegwenza ta' ordnijiet ta' trasferiment li jiddaħħlu f'dak is-SIPS;
- (44) “miżura korrettiva” tfisser miżura jew azzjoni speċifika, irrispettivament mill-forma, it-tul jew il-gravità tagħha, li tkun imposta fuq operatur ta' SIPS minn awtorità kompetenti biex tirrimedja, jew tevita ripetizzjoni ta', nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 3 sa 21.

**▼ M2***Artikolu 2a***Avviż bil-miktub dwar il-bidu tal-proċess biex sistema ta' ħlas tiġi identifikata bħala SIPS**

Il-BĊE għandu jinnnotifika lill-operatur tas-sistema ta' ħlas bl-intenzjoni tiegħu li jibda proċess taħt l-Artikolu 1 bl-għan li jidentifika dik is-sistema ta' ħlas bħala SIPS. L-avviż bil-miktub għandu jiddikjara l-fatti materjali u r-raġunijiet legali kollha rigward l-identifikazzjoni possibbli tas-sistema ta' ħlas ikkonċernata bħala SIPS.

*Artikolu 2b***Dritt ta' aċċess għall-fajls matul il-proċess biex sistema ta' ħlas tiġi identifikata bħala SIPS**

Malli jirċievi l-avviż bil-miktub imsemmi fl-Artikolu 2a, l-operatur tas-sistema ta' ħlas għandu jkun intitolat li jaċċessa l-fajls, id-dokumenti jew materjal ieħor tal-BĊE li jservu bħala bażi għall-identifikazzjoni ta' dik is-sistema ta' ħlas bħala SIPS. Dan id-dritt ma għandux jestendi għal informazzjoni meqjusa kunfidenzjali fir-rigward tal-BĊE, ta' bank ċentrali nazzjonali, jew ta' partijiet terzi oħra, inklużi istituzzjonijiet jew korpi oħra tal-Unjoni.

*Artikolu 2c***Dritt li wieħed jinstema' matul il-proċess biex sistema ta' ħlas tiġi identifikata bħala SIPS**

1. Fl-avviż bil-miktub mibgħut mill-BĊE f'konformità mal-Artikolu 2a, l-operatur tas-sistema ta' ħlas għandu jingħata terminu fiss li fih jista' jesprimi bil-miktub kwalunkwe oġġezzjoni, fehma u kumment rigward il-fatti u r-raġunijiet legali ppreżentati fl-avviż bil-miktub. Dan it-terminu ma għandux ikun inqas minn 30 jum ta' xogħol li jibded mill-jum li fih l-operatur tas-sistema ta' ħlas jirċievi l-avviż bil-miktub.

2. Il-BĊE jista' jagħti l-opportunità lill-operatur tas-sistema ta' ħlas, fuq talba tiegħu, li jesprimi l-fehmiet tiegħu f'laqgħa orali. Għandhom jitħejjew minuti bil-miktub tal-laqgħa li mbagħad jiġu ffirmati mill-partijiet kollha. Il-partijiet kollha għandhom jingħataw kopja tal-minuti.

3. Minkejja l-paragrafu 2, il-BĊE jista' joħroġ deċiżjoni li tidentifika sistema ta' ħlas bħala SIPS mingħajr ma jagħti lill-operatur tas-sistema ta' ħlas l-opportunità li jesprimi l-fehmiet, l-oġġezzjonijiet jew il-kummenti tiegħu dwar il-fatti u r-raġunijiet legali ppreżentati fl-avviż bil-miktub mibgħut mill-BĊE, dment li dan jitqies meħtieġ biex tiġi evitata ħsara sinifikanti lis-sistema finanzjarja.

▼ **M2***Artikolu 2d***Motivazzjoni tad-deċiżjoni li tidentifika sistema ta' ħlas bħala SIPS**

1. Id-deċiżjoni tal-BĊE li tidentifika sistema ta' ħlas bħala SIPS għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni. Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandha tinkludi l-fatti materjali u r-raġunijiet legali li fuqhom il-BĊE jkun ibbaża d-deċiżjoni tiegħu.
2. Suġġett għall-paragrafu 3 tal-Artikolu 2c, il-BĊE għandu jibbaża d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biss fuq fatti u raġunijiet legali li l-operatur tas-sistema ta' ħlas seta' jikkummenta dwarhom.

▼ **B***Artikolu 3***Sodizza legali**

1. Operatur ta' SIPS għandu jevalwa jekk il-liġi applikabbli fis-sistemi legali rilevanti tipprovdi livell għoli ta' ċertezza għal u tappoġġjax kull aspett materjali tal-attivitajiet tas-SIPS tiegħu.
2. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi regoli u proċeduri tas-SIPS u jidħol f'kuntratti, li huma ċari u konsistenti mal-liġi applikabbli fis-sistemi legali rilevanti kollha.
3. Operatur ta' SIPS għandu jkun jista' jispeċifika l-liġi, regoli, proċeduri u kuntratti applikabbli għall-operat ta' SIPS lill-awtorità kompetenti, lill-parteċipanti, u, fejn rilevanti, lill-klijenti tal-parteċipanti, b'mod ċar u li jinftehem.
4. Operatur ta' SIPS għandu jieħu miżuri biex jiżgura li r-regoli, proċeduri, u kuntratti tiegħu ikunu jistgħu jiġu infurzati fis-sistemi legali rilevanti kollha, u li l-azzjonijiet li jieħu taħt dawn ir-regoli, proċeduri u kuntratti ma jiġux invalidati, imreġġa' lura jew ikunu soġġetti għal sospensjonijiet.
5. Operatur ta' SIPS li jmexxi negozju fiktur minn sistema legali waħda għandu jidentifika u jimmitiga r-riskji li jirriżultaw minn kwalunkwe kunflitt ta' liġijiet potenzjali.
6. Operatur ta' SIPS għandu juża l-aħjar sforzi tiegħu biex jiżgura d-denominazzjoni tas-SIPS taħt id-Direttiva 98/26/KE.

*Artikolu 4***Governanza**

1. Operatur ta' SIPS għandu jkollu objettivi ddokumentati objettivili jagħtu prijorità għolja lis-sikurezza u l-effiċjenza tas-SIPS. L-objettiviobjettivi għandhom jappoġġjaw b'mod espliċitu l-istabbiltà finanzjarja u konsiderazzjonijiet rilevanti oħra ta' interess pubbliku, b'mod partikolari swieq finanzjarji miftuħa u effiċjenti.

**▼ M1**

2. Operatur ta' SIPS għandu jkollu arranġamenti ta' governanza effettivi u dokumentati li jipprovdu linji ċari u diretti ta' responsabbiltà u kontabbiltà. Dawn l-arranġamenti għandhom ikunu disponibbli lill-awtorità kompetenti, lis-sidien u lill-parteċipanti. Operatur ta' SIPS għandu jagħmel verżjonijiet fil-qosor tagħhom disponibbli għall-pubbliku.

**▼ B**

3. L-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-Bord għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar. L-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-Bord għandhom jinkludu dawn kollha li ġejjin:

- (a) l-istabiliment ta' miri strateġiċi ċari għas-SIPS;
- (b) l-istabiliment ta' proċeduri ddokumentati għall-funzjonament tas-SIPS, inklużi proċeduri sabiex jiġu identifikati, indirizzati u mmaniġġjati kunflitti ta' interess tal-membri tiegħu;
- (c) bl-eċċezzjoni tas-SIPS tal-Eurosistema, għandu jiżgura l-għażla effettiva, il-monitoraġġ, u, fejn xieraq, it-tneħħija tal-membri tal-Maniġment;
- (d) bl-eċċezzjoni tas-SIPS tal-Eurosistema, għandu jstabbilixxi politiki ta' kumpens adegwati, konsistenti mal-aqwa prattiċi u bbażati fuq kisbiet fuq żmien twil.

4. Ħlief għas-SIPS tal-Eurosistema, il-Bord għandu jirrevedi kemm il-prestazzjoni ġenerali kif ukoll il-prestazzjoni tal-membri individwali tal-Bord ta' mill-inqas kull sena.

**▼ M1**

5. Il-kompożizzjoni tal-Bord għandha tiżgura l-integrità u, ħlief għas-SIPS tal-Eurosistema, taħlita adattata ta' ħliet tekniċi, għarfien u esperjenza kemm tas-SIPS kif ukoll tas-suq finanzjarju iġenerali, li tħalli lill-Bord iwettaq ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tiegħu. Il-kompożizzjoni għandha tqis ukoll l-allokazzjoni ta' kompetenzi skont id-dritt nazzjonali. Ħlief għas-SIPS tal-Eurosistema, u jekk permess mil-liġi nazzjonali, il-Bord għandu jinkludi membri tal-bord li mhumiex eżekuttivi, inkluż ta' mill-inqas direttur indipendenti wieħed.

**▼ B**

6. Ir-rwol, ir-responsabbiltajiet u l-linji ta' rapportar għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar. Il-kompożizzjoni għandha tiżgura integrità u taħlita adattata ta' ħliet tekniċi, għarfien u esperjenza kemm tas-SIPS kif ukoll tas-suq finanzjarju b'mod ġenerali, li tħalli lill-Maniġment iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu għall-operat u l-ġestjoni tar-riskju tal-operatur ta' SIPS. Ir-responsabbiltajiet tal-maniment għandhom jinkludu, taħt id-direzzjoni tal-Bord, li jiżgura dawn l-affarijiet kollha li ġejjin:

- (a) li l-attivajiet tal-operatur ta' SIPS ikunu konsistenti mal-oġettivi, l-istrateġija u t-tolleranza tar-riskju tagħhom;

**▼B**

- (b) li l-kontrolli interni u l-proċeduri relatati huma ddisinnjati, eżegwiti u ssorveljati kif xieraq sabiex jippromwovu l-oġġettivi tal-operatur ta' SIPS;
- (c) li l-kontrolli interni u l-proċeduri relatati jkunu suġġetti għal reviżjoni u ttestjar regolari u l-ittestjar minn funzjonijiet ta' ġestjoni tar-riskju u ta' verifika interna b'persunal suffiċjenti li jkunu mħarrġa sew.
- (d) involviment attiv fil-proċess tal-kontroll tar-riskju;
- (e) li riżorsi suffiċjenti jiġu allokati lill-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tas-SIPS.

7. Il-Bord għandu jistabbilixxi u jissorvelja qafas ta' ġestjoni tar-riskju dokumentat, li għandu:

- (a) jinkludi l-politika tat-tolleranza tar-riskju tal-operatur ta' SIPS;
- (b) jassenja responsabbiltajiet u kontabbiltà għad-deċiżjonijiet ta' riskju;
- (c) jindirizza t-teħid ta' deċiżjonijiet fi kriżijiet u emerġenzi;
- (d) jindirizza funzjonijiet ta' kontroll intern.

**▼MI**

Il-Bord għandu jiżgura li jkun hemm tliet linji ta' difiża ċari u effettivi (operazzjonijiet, ġestjoni tar-riskju u awditu intern), li huma separati minn xulxin u għandhom biżżejjed awtorità, indipendenza, riżorsi u aċċess għall-Bord.

7a. L-approvazzjoni tal-Bord għandha tkun meħtieġa għal deċiżjonijiet li għandhom impatt sinifikanti fuq il-profil ta' riskju tas-SIPS u għad-dokumenti ta' riskju ewlenin li jirregolaw l-operazzjonijiet SIPS. Bħala minimu, il-Bord għandu japprova u jirriveđi kull sena l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju komprensiv msemmi fl-Artikolu 5(1), il-qafas tar-riskju operattiv u l-pjan ta' kontinwità tan-negozju assoċjat imsemmi fl-Artikoli 15(1) u 15(5) rispettivament, l-irkupru u l-pjan ta' stralċ ordnat u l-pjan kapitali msemmi fl-Artikoli 5(4) u 13(6) rispettivament, l-oqfsa dwar ir-riskju tal-kreditu u tal-likwidità msemmija fl-Artikoli 6(1) u 8(1) rispettivament, il-qafas kollaterali li jirregola l-ġestjoni tar-riskji msemmija fl-Artikolu 7, l-istrateġija ta' investiment ta' SIPS imsemmija fl-Artikolu 14(4), u l-qafas tar-reżiljenza ċibernetiku msemmi fl-Artikolu 15(4a).

**▼B**

8. Il-Bord għandu jiżgura li d-deċiżjonijiet prinċipali li jaffettwaw l-istruttura teknika u funzjonali tas-SIPS, ir-regoli u l-istrateġija ġenerali, b'mod partikolari, fir-rigward tal-għażla ta' arranġament tal-ikklerjar u saldu, l-istruttura operattiva, l-iskop tal-prodotti ikklerjati u ssaldati, u l-użu ta' teknoloġija u proċeduri, jirriflettu b'mod xieraq l-interessi leġittimi tal-partijiet interessati rilevanti tas-SIPS. Il-partijiet interessati rilevanti u, fejn xieraq, il-pubbliku għandhom jiġu kkonsultati b'mod raġonevoli bil-quddiem fuq tali deċiżjonijiet.

**▼B***Artikolu 5***Qafas għall-ġestjoni komprensiva tar-riskji**

1. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi u jżomm qafas sod ta' ġestjoni tar-riskju biex jidentifika, ikejjel, jimmonitorja u jimmaniġġja b'mod komprensiv il-firxa ta' riskji li jirriżultaw fis-SIPS jew li jiġu mġarrba minnha. Għandu jeżamina l-qafas ta' ġestjoni tar-riskju mill-inqas darba fis-sena. Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju għandu:

(a) jinkludi l-politika tat-tolleranza tar-riskju tal-operatur ta' SIPS u għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskju;

(b) jassenja responsabbiltà u kontabbiltà għad-deċiżjonijiet tar-riskju;

(c) jindirizza t-teħid ta' deċiżjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza relatati ma' SIPS, inklużi l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji li potenzjalment ikollhom effett negattiv fuq il-likwidità tas-suq u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi kwalunkwe Stat Membru li l-munita tagħhom hija l-euro fejn l-operatur ta' SIPS jew wieħed mill-parteciċipanti jkunu stabbiliti.

2. Operatur ta' SIPS għandu jipprovdi inċentivi lill-parteciċipanti u, fejn relevanti, il-klijenti tagħhom biex jiġġestixxu u jillimitaw ir-riskji li jgħolqu għas-SIPS u li jġarrbu minn din tal-aħħar. Fir-rigward ta' parteciċipanti, inċentivi bħal dawn għandhom jinkludu sistema ta' penali finanzjarji effettiva, proporzjonata u dissważiva jew arranġamenti ta' kondiviżjoni tat-telf, jew it-tnejn li huma.

3. Operatur ta' SIPS għandu jirrevedi r-riskji materjali li s-SIPS iġarrab minħabba u jimponi fuq entitajiet oħra inklużi, fost oħrajn IFM, banek tas-saldu, fornituri ta' likwidità u fornituri ta' servizzi, bħala riżultat tal-interdipendenzi ta' mill-inqas darba fis-sena. L-operatur ta' SIPS għandu jiżviluppa għodod għall-ġestjoni tar-riskju li jkunu robusti u proporzjonati għal-livell tar-riskju identifikat.

**▼M1**

4. Operatur ta' SIPS għandu jiddefinixxi l-operazzjonijiet u s-servizzi kritiċi tas-SIPS. L-operatur ta' SIPS għandu jidentifika xenarji speċifiċi li jistgħu jwaqqfuh milli jkun jista' jipprovdi dawn l-operazzjonijiet kritiċi u servizzi bħala negozju avvjat u għandu jevalwa l-effettività tal-opzjonijiet kollha għall-irkupru jew, bl-eċċezzjoni tas-SIPS tal-Eurosistema, stralċ ordnat. Għandu jirrevedi l-operazzjonijiet u s-servizzi kritiċi mill-inqas kull sena. Abbażi ta' din l-istima, operatur ta' SIPS għandu jħejji pjan vijabbli għall-irkupru tas-SIPS u, ħlief għas-SIPS tal-Eurosistema, stralċ ordnat. Il-pjan ta' stralċ ordnat u ta' rkupru għandu jikkonsisti, *inter alia*, f'taqsira sostantiva tal-istrategġiji ewlenin ta' rkupru u ta' stralċ ordnat, stqarrija mill-ġdid tal-operazzjonijiet u s-servizzi kritiċi tas-SIPS, u deskrizzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jimplementaw l-istrategġiji prinċipali. Operatur ta' SIPS għandu, fejn applikabbli, jipprovdi lill-awtoritajiet relevanti bl-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tal-ippjanar tar-riżoluzzjoni.

▼ **M1***Artikolu 6***Riskju tal-kreditu**

1. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi qafas b'saħħtu biex ikejjel, jimmonitorja u jimmaniġġja l-iskoperturi ta' kreditu tiegħu fost parteċipanti li jirriżultaw mill-ħlas tas-SIPS, u l-proċessi tal-ikklerjar u tas-saldu.

2. Operatur ta' SIPS għandu jidentifika s-sorsi kollha tar-riskju ta' kreditu. Il-kejl u l-monitoraġġ tal-iskoperturi ta' kreditu għandhom iseħħu matul il-jum, bl-użu ta' informazzjoni fil-ħin u għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskju.

2a. Operatur ta' SIPS li jopera sistema DNS għandu jiżgura li:

(a) obbligi finanzjarji jkunu stabbiliti mhux iktar tard mill-mument meta l-ordni ta' trasferiment tkun inkluża fil-kalkolu tal-pożizzjonijiet ta' saldu netti aċċessibbli għal kull parteċipant; u

(b) ikun hemm biżżejjed riżorsi biex ikopru l-iskoperturi ta' kreditu li jirriżultaw skont il-paragrafi 3 u 4 l-iktar tard fil-mument imsemmi fil-punt (a).

3. Operatur ta' SIPS, inkluż wieħed li jopera sistema DNS b'garanzija ta' saldu, li matul l-operazzjonijiet tas-SIPS iġarrab skopertura ta' kreditu fil-konfront tal-parteeċipanti tiegħu, għandu jkopri l-iskopertura ta' kreditu għal kull parteċipant bl-użu ta' kollateral, fondi ta' garanzija, ekwità (wara tnaqqis tal-ammont iddedikat li jkopri riskju ta' negozju ġenerali) jew riżorsi finanzjarji ekwivalenti oħra.

4. Operatur ta' SIPS, inkluż wieħed li jopera sistema DNS mingħajr garanzija tas-saldu, imma fejn parteċipanti jiffaċċjaw skoperturi ta' kreditu li jinħolqu mill-ħlas tas-SIPS, proċessi tal-ikklerjar u tas-saldu, għandhom ikollhom fis-seħħ regoli jew arranġamenti kuntrattwali ma' dawk il-parteeċipanti. Ir-regoli u l-arranġamenti kuntrattwali għandhom jiżguraw li l-parteeċipanti jipprovdu riżorsi suffiċjenti, kif imsemmi fil-paragrafu 3, biex ikopru skoperturi ta' kreditu li jirriżultaw mill-ħlas tas-SIPS, il-proċessi tal-ikklerjar u tas-saldu fir-rigward taż-żewġ parteċipanti li, flimkien mal-affiljati tagħhom, għandhom l-ikbar skopertura ta' riskju aggregat.

5. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi regoli u proċeduri biex jindirizzaw telf li direttament jirriżulta minn inadempjenzi minn parteċipant jew parteċipanti fir-rigward tal-obbligi tagħhom lejn SIPS. Dawn ir-regoli u proċeduri għandhom jindirizzaw l-allokazzjoni ta' telf potenzjali li mhuwix kopert, inkluż ir-rifużjoni ta' kwalunkwe fondi li operatur ta' SIPS jista' jissellef mingħand fornituri ta' likwidità. Għandhom jinkludu r-regoli u l-proċeduri tal-operatur ta' SIPS dwar il-forniment mill-ġdid ta' riżorsi finanzjarji użati mis-SIPS waqt avveniment ta' stress, sal-livell stipulat fil-paragrafi 3 u 4.

**▼B***Artikolu 7***Kollateral**

1. Operatur ta' SIPS għandu jaċċetta biss dawn l-assi li ġejjin bħala kollateral: (a) flus kontanti; u (b) assi b'riskji baxxi ta' kreditu, ta' likwidità u tas-suq, jiġifieri assi li għalihom l-operatur ta' SIPS jista' juri lill-awtorità kompetenti fuq il-bażi ta' valutazzjoni interna adegwata li dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (i) ikunu nħarġu minn emittent b'riskju ta' kreditu baxx;
- (ii) ikunu trasferibbli liberament mingħajr ebda restrizzjoni legali jew talbiet ta' terzi;
- (iii) ikunu ddenominati f'munita li r-riskju tagħha huwa ġestit mill-operatur ta' SIPS;
- (iv) ikollhom dejta affidabbli dwar il-prezz ppubblikata fuq bażi regolari;
- (v) ma jkunux b'xi mod ieħor suġġetti għal riskju sinifikanti f'direz-zjoni żbaljata;
- (vi) ma jinħarġux mill-parteciġipant li jipprovdi l-kollateral jew entità li tkun parti mill-istess grupp bħal dak il-parteciġipant, ħliet fil-każ ta' bond kopert u biss fejn l-assi fil-ġabra ta' kopertura jkunu ssegregati b'mod xieraq fi ħdan qafas legali robust u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-punti (i) sa (v).

Fit-twettiq tal-valutazzjoni interna tal-punti (i) sa (vi), l-operatur ta' SIPS għandu jiddefinixxi, jiddokumenta u japplika metodoloġija oġġettiva.

2. Operatur ta' SIPS għandu jstabilixxi u jimplementa politiki u proċeduri li jimmonitorjaw il-kwalità ta' kreditu, il-likwidità tas-suq u l-volatilità tal-prezz ta' kull assi aċċettat bħala kollateral. Operatur ta' SIPS għandu jimmonitorja fuq bażi regolari, u ta' mill-inqas darba fis-sena, l-adegwatezza tal-politiki u l-proċeduri ta' valutazzjoni tiegħu. Din ir-reviżjoni għandha ssir ukoll kull darba li sseħħ xi bidla materjali li taffettwa l-iskopertura għar-riskju tas-SIPS. Operatur ta' SIPS għandu jipprezza l-kollateral tiegħu skont is-suq ta' mill-inqas darba kuljum.

3. Operatur ta' SIPS għandu jstabilixxi telf impost stabbli u konservattiv u jittestjahom ta' mill-inqas darba fis-sena u jieħu f'kunsiderazzjoni kundizzjonijiet estremi tas-suq. Proċeduri ta' telf impost għandhom jiġu vvalidati minn persunal appartati dawk li jkunu hloqu u applikaw il-proċeduri ta' telf impost ta' mill-inqas darba fis-sena.

**▼B**

4. Operatur ta' SIPS għandu jieħu miżuri sabiex jiġu evitati investimenti kkonċentrati ta' ċerti assi meta dan jindebolixxi b'mod sinifikanti l-abbiltà li jillikwida dawn l-assi malajr mingħajr effetti negattivi sinifikanti fuq il-prezz.
5. Operatur ta' SIPS li jaċċetta kollateral transkonfinali għandu jidentifika u jnaqqas ir-riskji assoċjati mal-użu tiegħu u jiżgura li l-kollateral transkonfinali jista' jintuża f'waqtu.
6. Operatur ta' SIPS għandu juża sistema ta' ġestjoni tal-kollaterali li tkun effettiva u flessibbli mill-aspett operazzjonali.
7. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għas-SIPS tal-Eurosistema.

**▼M1***Artikolu 8***Riskju ta' likwidità**

1. Operatur ta' SIPS għandu jstabilixxi qafas komprensiv biex jiġġestixxi riskji ta' likwidità maħluqa mill-parteċipanti tas-SIPS, banek tas-saldu, aġenti *nostro*, banek kustodji, fornituri ta' likwidità u entitajiet rilevanti oħra. L-operatur ta' SIPS għandu jipprovdi lill-parteċipanti b'għodda adegwata biex il-likwidità tagħhom tiġi ġestita u għandu jimmonitorja u jiffaċilita l-fluss bla xkiel tal-likwidità fis-sistema.
2. Operatur ta' SIPS għandu jimplimenta għodod operattivi u analitiċi, li jippermettu jidentifika, ikejjel u jimmonitorja saldu u flussi ta' finanzjament, inkluż l-użu tal-likwidità *intraday* (dakinar stess), fuq bażi f'waqtha u kontinwa.
  - 2a. Operatur ta' SIPS li jopera sistema DNS għandu jiżgura li
    - (a) obbligi finanzjarji jkunu stabbiliti mhux iktar tard mill-mument meta l-ordni ta' trasferiment tiġi inkluża fil-kalkolu tal-pożizzjonijiet netti ta' saldu aċċessibbli għal kull parteċipant; u
    - (b) hemm biżżejjed riżorsi likwidi miżmumin skont il-paragrafi 3 sa 6 l-iktar tard fil-mument imsemmi fil-punt (a).
3. Operatur ta' SIPS għandu jkollu, jew jiżgura li l-parteċipanti jkollhom f'kull ħin, riżorsi likwidi suffiċjenti mill-mument li jiġu stabbiliti obbligi finanzjarji, fil-muniti kollha li jopera bihom, biex jissalda l-obbligi finanzjarji fl-istess jum f'ambitu wiesa' ta' xenarji potenzjali ta' stress. Fejn xieraq, dan jinkludi saldu *intraday* jew *multiday* (fuq medda ta' bosta ġranet). Ix-xenarji ta' stress għandhom jinkludu: (a) inadempjenza tal-parteċipant, taħt kundizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawżibbli li, flimkien mal-affiljati tiegħu, għandhom l-ikbar obbligu finanzjarju aggregat; u (b) xenarji oħra skont il-paragrafu 11.



▼ M1

4. Operatur ta' SIPS li jirregola ħlas unilaterali feuro għandu jkollu, jew jiżgura li l-parteċipanti jkollhom, riżorsi likwidi suffiċjenti, skont il-paragrafu 3, biex jissalda fil-ħin l-obbligi finanzjarji f'każ ta' inadempjenza tal-parteċipant li, flimkien mal-affiljati tiegħu, għandu l-ikbar obbligu finanzjarju aggregat kif determinat mill-paragrafu 3(a) b'xi mod minn dawn li ġejjin:

- (a) fi flus kontanti mal-Eurosistema; jew
- (b) f'kollateral eliġibbli kif iddefinit fil-qafas kollaterali tal-Eurosistema stabbilit fil-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) <sup>(1)</sup> u l-Linja Gwida BĊE/2014/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew <sup>(2)</sup> iżda l-operatur ta' SIPS għandu juri li dak il-kollateral huwa disponibbli faċilment u konvertibbli f'kontanti fuq bażi tal-istess jum bl-użu ta' arranġamenti ta' finanzjament irranġati minn qabel u affidabbli ħafna, inkluż f'kundizzjonijiet tas-suq ta' stress.

5. Operatur ta' SIPS li jirregola ħlas unilaterali feuro għandu jkollu, jew jiżgura li l-parteċipanti jkollhom, riżorsi likwidi addizzjonali, skont il-paragrafu 3(b), bil-modi msemmija fil-paragrafu 4 jew ma' bank kummerċjali finanzjarjament affidabbli f'wieħed jew iktar minn dawn l-istrumenti li ġejjin:

- (a) linji ta' kreditu impenjati;
- (b) *swaps* impenjati ta' kambju barrani;
- (c) *repos* impenjati;
- (d) assi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7(1), li huma miżmuma minn kustodju;
- (e) investimenti.

Dawn l-istrumenti kollha għandhom jippermettu li l-flus kontanti jkunu disponibbli f'perjodu ta' żmien li jippermetti s-saldu fl-istess jum. B'mod partikolari, l-operatur ta' SIPS għandu jkun jista' juri li l-istrumenti mhux fi flus kontanti jkunu disponibbli faċilment u konvertibbli fi flus kontanti fuq bażi tal-istess jum bl-użu ta' finanzjamenti rranġati minn qabel u affidabbli ħafna, inkluż f'kundizzjonijiet tas-suq ta' stress.

L-operatur ta' SIPS għandu jkun dispot li juri lill-awtorità kompetenti, skont valutazzjoni interna adegwata, li l-bank kummerċjali huwa finanzjarjament affidabbli.

<sup>(1)</sup> Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3).

<sup>(2)</sup> Linja Gwida BĊE/2014/31 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Lulju 2014 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9 (ĠU L 240, 13.8.2014, p. 28).

▼ M1

6. Operatur ta' SIPS li jirregola ħlasijiet bilaterali jew ħlasijiet unilaterali f'muniti barra mill-euro għandu jkollu, jew jiżgura li l-parteċipanti jkollhom, riżorsi likwidi suffiċjenti, skont il-paragrafu 3, fil-modi msemmija fil-paragrafu 5.

7. Fejn operatur ta' SIPS jissupplimenta r-riżorsi msemmija fil-paragrafu 3 b'assi oħrajn, dawn l-assi x'aktarx ikunu negozjabbli jew aċċettabbli bħala kollateral (pereżempju għal linji ta' kreditu, *swaps*, jew *repos*) fuq bażi *ad hoc* wara inadempjenza, anke jekk dan ma jistax ikun stabbilit minn qabel jew iggarantit b'mod affidabbli taħt kundizzjonijiet tas-suq estremi imma plawżibbli. Meta parteċipant jissupplimenta r-riżorsi msemmija fil-paragrafu 3 ma' assi oħrajn, l-operatur ta' SIPS għandu jiżgura li dawk l-assi l-oħrajn jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu. L-assi għandhom jiġu preżunti bħala probabbli li jkunu negozjabbli jew aċċettabbli bħala kollateral jekk l-operatur ta' SIPS ikun ħa inkunsiderazzjoni r-regoli u l-prattiki tal-bank ċentrali rilevanti dwar l-eliġibbiltà tal-kollateral.

8. Operatur ta' SIPS m'għandux jassumi li kreditu ta' emerġenza tal-bank ċentrali se jkun disponibbli.

9. Operatur ta' SIPS għandu jwettaq diliġenza dovuta sabiex jivverifika li kull fornitur tar-riżorsi likwidi tas-SIPS, kif imsemmi fil-paragrafu 3: (a) ikollu informazzjoni suffiċjenti u aġġornata biex jifhem u jiġġestixxi r-riskji ta' likwidità assoċjati mal-forniment tal-flus kontanti jew assi; u (b) għandu l-kapaċità li jipprovdi flus kontanti jew assi kif meħtieġ. L-operatur ta' SIPS għandu jirrevedi l-konformità tiegħu mal-obbligu tad-diliġenza dovuta mill-inqas annwalment. Entitajiet b'aċċess ta' kreditu mill-bank ċentrali tal-ħruġ biss għandhom jiġu aċċettati bħala fornituri ta' likwidità. L-operatur ta' SIPS għandu jittestja regolarment il-proċeduri tas-SIPS biex jiġu aċċesati r-riżorsi likwidi tiegħu.

10. Operatur ta' SIPS b'aċċess għal kontijiet ta' bank ċentrali, servizzi ta' ħlas jew servizzi ta' titoli għandu juża dawn is-servizzi, fejn prattikabbli.

11. Operatur ta' SIPS għandu, permezz tal-ittestjar taħt stress rigoruż, jiddetermina l-ammont u jittestja regolarment is-suffiċjenza tar-riżorsi likwidi tiegħu sabiex jissodisfa r-rekwiżiti taħt il-paragrafi 3 u 4. Fit-twertiq tal-ittestjar taħt stress, l-operatur ta' SIPS għandu jikkunsidra firxa wiesgħa ta' xenarji rilevanti, inkluż inadempjenza jew inadempjenzi tal-parteċipant fl-istess jum u f'jumejn jew iktar sussegwenti.

Meta jiġu kkunsidrati dawn ix-xenarji, id-disinn u t-tħaddim tas-SIPS għandhom jiġu kkunsidrati u l-entitajiet kollha li jistgħu jkunu ta' riskju materjali għal-likwidità tas-SIPS għandhom jiġu eżaminati, inkluż banek tas-saldu, aġenti *nostro*, banek kustodji, fornituri ta' likwidità u IFM relatati. Meta jkun xieraq, ix-xenarji għandhom ikopru perijodu *multiday*.

**▼ M1**

12. Operatur ta' SIPS għandu jiddokumenta r-raġunijiet tiegħu għall-investment, u għandu jkollu arranġamenti xierqa ta' governanza relatati mal-flus kontanti u assi oħra miżmuma minnu jew mill-parteċipanti. Għandu jistabbilixxi proċeduri ċari għar-rappurtar tar-riżultati tat-testijiet taħt stress tiegħu lill-Bord u għandu juża dawn ir-riżultati għall-evalwazzjoni tal-adeqwatezza u jagħmel aġġustamenti fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tiegħu.

13. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi regoli u proċeduri ċari li jippermettu lis-SIPS li jimplementa s-saldu tal-obbligi finanzjarji dakinhar u, fejn xieraq, *intraday* u *multiday* f'waqtu wara l-inadempjenza ta' wieħed jew iktar mill-parteċipanti tiegħu. Dawn ir-regoli u l-proċeduri għandhom:

- (a) jindirizzaw nuqqasijiet ta' likwidità mhux previsti u potenzjalment mhux koperti;
- (b) ikollhom l-għan li jiġi evitat li l-obbligi finanzjarji għas-saldu fl-istess jum jiġu xolti, revokati jew imdewma;
- (c) jindikaw kif ifornu mill-ġdid il-flus kontanti u assi oħra użati mis-SIPS matul avveniment ta' stress, sa fejn hu meħtieġ skont il-paragrafi 3 sa 5.

**▼ B***Artikolu 9***Saldu finali**

Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi regoli u proċeduri li jippermettu li s-saldu finali jseħħ mhux iktar tard mit-tmiem tad-data tas-saldu maħsuba.

*Artikolu 10***Saldu ta' flus****▼ M1**

1. Operatur ta' SIPS li jirregola ħlas unilaterali f'euro għandu jiżgura li s-saldu finali jseħħ fi flus ta' bank ċentrali. Operatur ta' SIPS li jirregola ħlasijiet għal SIPS oħrajn għandu jipprova li jippermetti lil SIPS oħrajn li jagħmlu saldu f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

**▼ B**

2. Operatur ta' SIPS li jagħmel saldu ta' ħlasijiet bilaterali jew unilaterali f'muniti li mhumiex l-euro għandu jiżgura li saldu finali jseħħ fi flus ta' bank ċentrali fejn prattikabbli u disponibbli.

3. Jekk ma jintużawx il-flus ta' bank ċentrali, operatur ta' SIPS għandu jiżgura li s-saldu tal-flus iseħħ bl-użu ta' assi ta' saldu bi ftit jew bl-ebda riskju ta' kreditu u likwidità.

**▼B**

4. Jekk isir saldu fi flus ta' bank kummerċjali, l-operatur ta' SIPS għandu jimmonitorja, jiġġestixxi, u jillimita r-riskji ta' kreditu u ta' likwidità li jinħolqu mill-banek ta' saldu kummerċjali. B'mod partikolari, l-operatur ta' SIPS għandu jstabilixxi u jimmonitorja konformità mal-kriterji stretti għall-banek tas-saldu tiegħu li jqisu, *inter alia*, ir-regolazzjoni u s-superviżjoni tagħhom, l-affidabbiltà kreditizja, il-kapitalizzazzjoni, l-aċċess għal-likwidità, u l-affidabbiltà operazzjonali. L-operatur ta' SIPS għandu jimmonitorja u jiġġestixxi wkoll il-konċentrazzjoni tal-iskoperturi ta' kreditu u likwidità għall-banek tas-saldu kummerċjali tas-SIPS.

5. Jekk operatur ta' SIPS iwettaq saldu ta' flus fuq il-kotba tiegħu stess, huwa għandu jimminimizza u jikkontrolla strettament ir-riskji tiegħu ta' kreditu u likwidità.

6. Jekk is-saldu jseħħ fi flus ta' bank kummerċjali, il-ftehim legali tal-operatur ta' SIPS ma' kwalunkwe bank tas-saldu kummerċjali għandhom jiddikjaraw b'mod ċar:

- (a) meta t-trasferimenti fuq il-kotba tal-banek tas-saldu individwali huma mistennija li jseħħu;
- (b) li t-trasferimenti għandhom ikunu finali meta jiġu eżegwiti;
- (c) li l-fondi riċevuti għandhom ikunu trasferibbli kemm jista' jkun malajr, ta' mill-inqas sal-aħħar tal-jum.

*Artikolu 11***Ħlas kontra ħlas**

Operatur ta' SIPS li juża mekkaniżmu ta' ħlas kontra ħlas għandu jelimina r-riskju prinċipali billi jiżgura li s-saldu finali ta' obbligu wieħed iseħħ jekk u biss jekk is-saldu finali tal-obbligu marbut iseħħ ukoll. Din ir-regola tiġi segwita irrispettivament minn jekk is-saldu jseħħ fuq bażi gross jew netta u meta sseħħ il-finalità.

*Artikolu 12***Regoli u proċeduri tal-inadempjenza tal-parteeipant**

1. Operatur ta' SIPS għandu jstabilixxi definizzjoni ta' inadempjenza tal-parteeipant fir-regoli u l-proċeduri tas-SIPS, li għandhom jinkludu, bħala minimu, in-nuqqas tal-parteeipant li jissodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu meta jkunu dovuti, bħala riżultat, *inter alia*, ta' raġunijiet operazzjonali, ksur ta' ftehim, jew il-bidu ta' proċeduri ta' insolvenza kontra dak il-parteeipant. Operatur ta' SIPS għandu jiddistingwi bejn inadempjenza awtomatika u diskrezzjonali. Fil-każ ta' inadempjenza diskrezzjonali, l-operatur ta' SIPS għandu jispeċifika liema entità għandha teżerċita dik id-diskrezzjoni. Huwa għandu jirrevedi din id-definizzjoni ta' mill-inqas darba fis-sena.

**▼ B**

2. Operatur ta' SIPS għandu jkollu regoli u proċeduri dwar inadempjenza li jippermettu li jkompli jissodisfa l-obbligi tiegħu f'każ ta' inadempjenza ta' parteċipant, li jindirizzaw r-riforniment tar-riżorsi wara inadempjenza. Ir-regoli u l-proċeduri għandhom jiddefinixxu, bħala minimu, il-punti kollha li ġejjin:

- (a) l-azzjonijiet li operatur ta' SIPS jista' jieħu meta sseħħ inadempjenza;
- (b) jekk it-teħid ta' dawn l-azzjonijiet huwiex awtomatiku jew diskrezzjonali u l-mezzi li permezz tagħhom tiġi eżerċitata dik id-diskrezzjoni;
- (c) bidliet potenzjali għall-prattiċi tas-saldu normali tal-operatur ta' SIPS li jiżguraw saldu f'waqtu;
- (d) il-ġestjoni tal-ħlasijiet fi stadji differenti tal-ipproċessar;
- (e) is-sekwenza probabbli tal-azzjonijiet;
- (f) l-irwoli, l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-partijiet rilevanti, inkluż il-partiċipanti li mhumiex inadempjenti;
- (g) mekkaniżmi oħra li għandhom jiġu attivati biex jillimitaw l-impatt ta' inadempjenza.

3. Operatur ta' SIPS għandu jkun ippreparat li jimplimenta ir-regoli u l-proċeduri tiegħu dwar l-inadempjenza, inklużi kwalunkwe proċeduri diskrezzjonali xierqa stabbiliti fir-regoli tiegħu. Operatur ta' SIPS għandu jiżgura, *inter alia*, illi: (a) ikollu l-kapaċità operazzjonali, inkluż persunal suffiċjenti imħarreġ tajjeb, biex jimplimenta l-proċeduri elenkati fil-paragrafu 2 fil-ħin; u (b) ir-regoli u l-proċeduri tas-SIPS jindirizzaw dokumentazzjoni, informazzjoni u bżonnijiet ta' komunikazzjoni, u koordinazzjoni meta jkunu involuti IFM jew awtorità jew diversi minnhom.

4. Operatur ta' SIPS għandu jiżvela pubblikament l-aspetti ewlenin tar-regoli u l-proċeduri elenkati fil-paragrafu 2, inklużi, bħala minimu, dawn kollha li ġejjin:

- (a) iċ-ċirkostanzi li fihom għandha tittieħed azzjoni;
- (b) min għandu jieħu dawg l-azzjonijiet;
- (c) l-ambitu tal-azzjonijiet li għandhom jittieħdu;
- (d) il-mekkaniżmi li jindirizzaw l-obbligi tal-operatur ta' SIPS lejn partiċipanti li mhumiex inadempjenti.

**▼B**

5. Operatur ta' SIPS għandu jittestja u jirrevedi r-regoli u l-proċeduri tas-SIPS elenkati fil-paragrafu 2 ta' mill-inqas darba fis-sena jew wara xi tibdiliet materjali lis-SIPS li jaffettwaw dawk ir-regoli u l-proċeduri. Operatur ta' SIPS għandu jinvolvi lill-parteciċipanti tas-SIPS u partijiet interessati rilevanti f'dan l-ittestjar u r-reviżjoni.

**▼M1***Artikolu 13***Riskju ġenerali ta' negozju**

1. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi ġestjoni robusta u sistemi ta' kontroll biex jidentifika, jimmonitorja, u jiġġestixxi riskji ġenerali ta' negozju, inkluż telf li jirriżulta minn eżekuzzjoni ta' livell baxx ta' strateġija tan-negozju, flussi negattivi ta' flus kontanti, jew spejjeż mhux mistennija u eċċessivament kbar.

2. Operatur ta' SIPS għandu jżomm irkupru vijabbli u, ħlief għas-SIPS tal-Eurosistema, pjan ta' stralċ ordnat kif meħtieġ skont l-Artikolu 5(4).

3. Operatur ta' SIPS għandu jiddetermina, abbażi tal-profil tar-riskju tan-negozju ġenerali u ż-żmien meħtieġ biex jirnexxi rkupru u/jew stralċ ordnat tal-operazzjonijiet u servizzi kritiċi tiegħu, l-ammont ta' assi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjan imsemmi fil-paragrafu 2. Dan l-ammont m'għandux ikun inqas minn dak irrappreżentat minn sitt xhur ta' spejjeż operattivi kurrenti.

4. Sabiex jiġi kopert l-ammont imsemmi fil-paragrafu 3, operatur ta' SIPS għandu jkollu assi netti likwidi ffinanzjati mill-ekwità, pereżempju stokk komuni, riżervi żvelati jew qligħ ieħor miżmum, sabiex ikun jista' jkompli l-operazzjonijiet u s-servizzi bħala negozju avvjat. Dawn l-assi għandhom jiżiedu mar-riżorsi miżmuma biex ikopru l-inadempjenza tal-parteciċipant jew riskji oħrajn koperti taħt l-Artikoli 6 u 8. L-ekwità miżmuma taħt standards internazzjonali tal-kapital ibbażati fuq ir-riskju jistgħu jiġu inklużi biex jiġu evitati rekwiżiti tal-kapital doppji.

5. Assi msemmija fil-paragrafu 4 miżmuma biex ikopru riskju ġenerali tan-negozju għandhom ikunu ta' likwidità suffiċjenti u ta' kwalità għolja sabiex ikunu disponibbli fil-ħin meħtieġ, u għandhom ikunu ssegregati mill-assi tal-operatur ta' SIPS użati għall-operazzjonijiet użati għal operazzjonijiet ta' kuljum. L-operatur ta' SIPS għandu jkun jista' jirrealizza dawn l-assi miżmuma biex ikopru r-riskju tan-negozju ġenerali bi ftit effett negattiv, jekk ikun hemm, sabiex ikun jista' jkompli b'operazzjonijiet u servizzi bħala negozju avvjat jekk ikollu telf tan-negozju ġenerali.

**▼M1**

6. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi pjan kapitali vijabbli sabiex iżid ekwità addizzjonali jekk l-ekwità tiegħu taqa' viċin jew taħt l-ammont imsemmi fil-paragrafu 3.

7. Il-paragrafi 3 sa 6 m'għandhomx japplikaw għas-SIPS tal-Eurosistema.

**▼B***Artikolu 14***Riskji ta' investment u ta' kustodja**

1. Operatur ta' SIPS għandu jżomm l-assi tiegħu stess u dawk tal-parteċipanti ma' entitajiet sorveljati u rregolati (minn hawn 'il quddiem il-“kustodji”), li għandhom prattiki tal-kontabbiltà, proċeduri ta' kustodja u kontrolli interni li jipproteġu b'mod sħiħ dawn l-assi kontra r-riskju ta' telf f'każ ta' insolvenza tal-kustodju jew tas-subkustodju, negliġenza, frodi, amministrazzjoni ħażina jew żamma tar-rekords inadegwata.

2. Operatur ta' SIPS għandu jkollu aċċess f'waqtu għall-assi tiegħu u l-assi pprovduti mill-parteċipanti.

3. Operatur ta' SIPS għandu jevalwa u jifhem l-iskoperturi tiegħu lejn il-banek kustodji, billi jikkunsidra l-ambitu sħiħ tar-relazzjonijiet tiegħu ma' kull wieħed minnhom.

4. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi l-istrateġija ta' investment tiegħu, li tkun konsistenti mal-istrateġija globali tiegħu tal-ġestjoni tar-riskju u li tiġi żvelata bis-sħiħ lill-parteċipanti. Huwa għandu jirrevedi l-istrateġija tal-investment ta' mill-inqas darba fis-sena.

5. L-investimenti ta' operatur ta' SIPS taħt l-istrateġija tal-investment tiegħu għandhom ikunu ggarantiti minn, jew bi klejms kontra, obbliganti ta' kwalità għolja. Operatur ta' SIPS għandu jiddefinixxi l-kriterji għall-obbligaturi ta' kwalità għolja. L-investimenti għandhom ikunu fi strumenti b'riskji minimi ta' kreditu, tas-suq u tal-likwidità.

6. Il-paragrafi 3 sa 5 m'għandhomx japplikaw għas-SIPS tal-Eurosistema.

*Artikolu 15***Riskju operazzjonali**

1. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi qafas robust b'sistemi, politiki, proċeduri u kontrolli adegwati sabiex jidentifika, jimmonitorja u jiġġestixxi ir-riskju operazzjonali.

**▼M1**

1a. Operatur ta' SIPS għandu jirrevedi, jawditja, u jittestja sistemi, politiki, proċeduri u kontrolli operattivi u wara tibdil sinifikanti.

**▼B**

2. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi objettivi u politivi dwar il-livell ta' servizz u l-affidabbiltà operattiva iddisinnjati biex jinkisbu dawk l-objettivi. Għandu jirrevedi l-objettivi u l-politiki ta' mill-inqas darba fis-sena.

3. Operatur ta' SIPS għandu jiżgura li SIPS, f'kull ħin, ikollha kapaċità li tista' tadatta għal żidiet fil-volumi ta' ħlas li jseħħu minħabba każijiet ta' stress, u li jista' jikseb l-objettivi tiegħu tal-livell tas-servizz.

4. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi politiki komprensivi ta' sigurtà fiżika u relata mal-informazzjoni li jidentifikaw, jevalwaw u jiġġestixxu b'mod adegwat il-vulnerabbiltajiet u t-theddid potenzjali kollha. Għandu jirrevedi l-politiki ta' mill-inqas darba fis-sena.

**▼M1**

4a. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi qafas ċibernetiku ta' reżiljenza effettiv b'miżuri ta' governanza xierqa fis-seħħ għall-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku. L-operatur ta' SIPS għandu jidentifika l-operazzjonijiet kritiċi tiegħu u l-assi tal-appoġġ, u jimplimenta miżuri xierqa sabiex jiproteġihom minn attakki ċibernetiċi, u sabiex jiskopri dawn tal-aħħar, jirrispondi għalihom u jirkupra minnhom. Dawn il-miżuri għandhom jiġu ttestjati regolarment. L-operatur ta' SIPS għandu jiżgura li għandu għarfien sod ta' x'qed jiġri fir-rigward tat-theddid ċibernetiku. L-operatur ta' SIPS għandu jiżgura li hemm proċess ta' taġlim kontinwu u li qed jevolvi sabiex ikun jista' jadatta l-qafas ta' reżiljenza ċibernetika tiegħu għan-natura dinamika tar-riskji ċibernetiċi, f'mod tempestiv, kull meta jkun meħtieġ.

**▼B**

5. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi pjan ta' kontinwità tan-negozju li jindirizza każijiet li joħlqu riskju sinifikanti li jfixxlu l-operazzjonijiet tas-SIPS. Il-pjan għandu jinkludi l-użu ta' sit sekondarju u jkun iddisinjat biex jiżgura li sistemi ta' teknoloġija ta' informazzjoni kritika jistgħu jissoktaw bl-operat fi żmien sagħtejn wara dawk l-avvenimenti. Il-pjan għandu jiġi ddisinjat b'mod li s-SIPS dejjem ikun jista' jagħmel saldu tal-ħlasijiet kollha dovuti sal-aħħar tal-jum ta' negozju meta jseħħ it-tfixkil. L-operatur ta' SIPS għandu jittestja l-pjan u jirrevedih ta' mill-inqas darba fis-sena.

6. Operatur ta' SIPS għandu jidentifika parteċipanti kritiċi fuq il-bażi, b'mod partikolari, ta' volumi u valuri ta' ħlas u l-impatt potenzjali ta' tagħhom fuq parteċipanti oħra u s-SIPS bħala ħaġa waħda, f'każ li dawn il-partiċipanti jesperjenzaw problema operazzjonali sinifikanti.

7. Operatur ta' SIPS għandu jidentifika, jimmonitorja, u jiġġestixxi r-riskji li l-partiċipanti kritiċi, IFM oħrajn, u fornituri ta' servizzi ta' utilità jistgħu joħlqu għall-operat tas-SIPS.



**▼ M1***Artikolu 16***Kriterji ta' aċċess u parteċipazzjoni**

1. Operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi u jiżvela pubblikament kriterji ta' aċċess u parteċipazzjoni li mhumiex diskriminatorji lis-servizzi tas-SIPS għal parteċipanti diretti, u, fejn relevanti, parteċipanti indiretti u għal IFM oħrajn. Għandu jirrevedi l-kriterji mill-inqas b'mod annwali.

2. Il-kriterji ta' aċċess u parteċipazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ġġustifikati f'termini ta' sigurtà u effiċjenza tas-SIPS u tas-swieq li jservu, u jkunu mfassla għal u proporzjonati mar-riskji speċifiċi tas-SIPS. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, operatur ta' SIPS għandu jistabbilixxi rekwiżiti li jirrestrinġu aċċess bl-inqas mod possibbli. Jekk operatur ta' SIPS jiċħad aċċess għal entità li tapplika, għandu jagħti r-raġunijiet bil-miktub għal dan, ibbażat fuq analiżi komprensiva tar-riskju.

3. Operatur ta' SIPS għandu jimmonitorja l-konformità tal-parteċipanti mal-kriterji ta' aċċess u parteċipazzjoni tas-SIPS fuq bażi kontinwa. Għandu jistabbilixxi proċeduri li mhumiex diskriminatorji li jiffaċilitaw is-sospensjoni u t-terminazzjoni ordinata tad-drittijiet tal-parteċipant fejn il-parteċipant jonqos milli jikkonforma mal-kriterji u għandu jiżvela pubblikament aspetti ewlenin rilevanti ta' dawn il-proċeduri. Għandu jirrevedi l-proċeduri mill-inqas annwalment.

**▼ B***Artikolu 17***Arranġamenti ta' parteċipazzjoni mtarrġa****▼ M1**

1. Għall-finijiet tal-ġestjoni tar-riskju, operatur ta' SIPS għandu jiżgura li r-regoli, il-proċeduri u l-arranġamenti kuntrattwali tas-SIPS jippermettulu jiġbor informazzjoni dwar parteċipazzjoni indiretta sabiex jidentifika, jimmonitorja u jiġġestixxi kwalunkwe riskju materjali għas-SIPS li jinħoloq minn parteċipazzjoni. Din l-informazzjoni għandha, bħala minimu, tkopri dawn li ġejjin:

- (a) l-attività li parteċipanti diretti jwettqu f'isimhom u f'isem il-parteċipanti indiretti fi proporzjon mal-attività fil-livell tas-sistema;
- (b) in-numru ta' parteċipanti indiretti li jagħmlu saldu permezz ta' parteċipanti individwali diretti;
- (c) il-volumi u l-valuri ta' ħlasijiet fis-SIPS li joriġinaw minn kull parteċipant indirett;
- (d) il-volumi u l-valuri ta' ħlasijiet taħt il-punt (c) fi proporzjoni ma' dawk ta' parteċipant dirett li permezz tiegħu l-parteċipant indirett ikollu aċċess għas-SIPS.

2. Operatur ta' SIPS għandu jidentifika dipendenzi materjali bejn parteċipanti diretti u indiretti li jistgħu jaffettwaw is-SIPS, wara li tittieħed inkunsiderazzjoni l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

**▼B**

3. Operatur ta' SIPS għandu jidentifika parteċipanti indiretti li jgħolqu riskji materjali għas-SIPS u l-parteċipanti diretti li permezz tagħhom jaċċessaw is-SIPS bil-ħsieb li jiġġestixxi dawn ir-riskji.

4. Operatur ta' SIPS għandu jirrevedi r-riskji li jinħolqu minn arranġamenti ta' parteċipazzjoni mtarrġa ta' mill-inqas darba fis-sena. Huwa għandu jieħu azzjoni ta' mitigazzjoni meta din tkun meħtieġa biex jiżgura li r-riskji jkunu ġestiti kif suppost.

*Artikolu 18***Effiċjenza u effettività**

1. Operatur ta' SIPS għandu jkollu proċess biex jidentifika u jilħaq il-bżonnijiet tas-swieq li s-SIPS taqdi, b'mod partikolari, fir-rigward ta':

- (a) l-għażla ta' arranġament tal-ikklerjar u tas-saldu;
- (b) struttura operattiva;
- (c) l-ambitu tal-prodotti kklerjati jew saldati;
- (d) l-użu ta' teknoloġija u proċeduri.

2. Operatur ta' SIPS għandu jkollu miri u objettivi ddefiniti b'mod ċar li jkunu jistgħu jitkejlu u jinkisbu, bħal fl-oqsma ta' livelli ta' servizz minimi, aspettattivi ta' ġestjoni tar-riskju u prijoritajiet tan-negożju.

3. Operatur ta' SIPS għandu jkollu mekkaniżmi stabbiliti għar-reviżjoni regolari, ta' mill-inqas annwali, tar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 19***Standards u proċeduri tal-komunikazzjoni**

Operatur ta' SIPS għandu juża jew jakkomoda proċeduri u standards ta' komunikazzjoni relevanti li huma aċċettati fuq livell internazzjonali sabiex jiġu ffaċilitati l-ħlas, l-ikklerjar, is-saldu u r-reġistrazzjoni effiċjenti.

*Artikolu 20***Żvelar tar-regoli, proċeduri ewlenin u dejta tas-suq**

1. Operatur ta' SIPS għandu jadotta regoli u proċeduri ċari u komprensivi li huma żvelati b'mod sħiħ lill-parteċipanti. Ir-regoli u l-proċeduri ewlenin relevanti għandhom jiġu żvelati pubblikament ukoll.

2. Operatur ta' SIPS għandu jiżvela deskrizzjonijiet ċari tad-disinn u l-operazzjonijiet tas-sistema, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi tal-operatur ta' SIPS, sabiex il-parteċipanti jkunu jistgħu jevalwaw ir-riskji li jgħarrbu billi jipparteċipaw fis-SIPS.

**▼ B**

3. Operatur ta' SIPS għandu jipprovdi d-dokumentazzjoni u t-taħriġ meħtieġa u xierqa sabiex il-parteċipanti jkunu jistgħu jifhmu aħjar ir-regoli u l-proċeduri tas-SIPS u r-riskji li jiffaċċjaw billi jipparteċipaw fis-SIPS.

4. Operatur ta' SIPS għandu jiżvela pubblikament it-tariffi tas-SIPS fil-livell tas-servizzi individwali li toffri kif ukoll fil-politiki ta' skont tiegħu. L-operatur ta' SIPS għandu jipprovdi deskrizzjonijiet ċari tas-servizzi ipprezzati għall-finijiet ta' komparabbiltà.

5. Operatur ta' SIPS għandu jlesti u jiżvela pubblikament ir-risposti għall-qafas tal-Iżvelar tas-CPSS-IOSCO għall-infrastrutturi tas-suq finanzjarju. Għandu jaġġorna r-risposti tiegħu wara bidliet materjali fis-sistema jew fl-ambjent tagħha, iżda ta' mill-inqas kull sentejn. Operatur ta' SIPS għandu wkoll, bħala minimu, jiżvela d-dejta bażika dwar il-volumi u l-valuri tat-tranżazzjonijiet.

**▼ M1***Artikolu 21***Setgħat ta' awtorità kompetenti**

1. Awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li:
  - (a) tikseb, fi kwalunkwe ħin, minn operatur ta' SIPS l-informazzjoni u d-dokumenti kollha meħtieġa għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti taħt dan ir-Regolament jew li tippromwovi l-operat bla xkiel ta' sistemi ta' ħlas fl-livell sistemiku. L-operatur ta' SIPS għandu jirrapporta l-informazzjoni rilevanti lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien żejjed;
  - (b) teħtieġ li operatur ta' SIPS jaħtar espert indipendenti biex jagħmel investigazzjoni jew reviżjoni indipendenti dwar l-operazzjoni tas-SIPS. L-awtorità kompetenti tista' timponi rekwiżiti dwar it-tip ta' espert li għandu jinħatar, il-kontenut u l-ambitu tar-rapport li għandu jiġi prodott, it-trattament tar-rapport, inklużi l-iżvelar u l-pubblikazzjoni ta' ċerti elementi, u l-waqt għall-produzzjoni tar-rapport. Operatur ta' SIPS għandu jinforma lill-awtorità kompetenti kif ir-rekwiżiti imposti ġew issodisfati;
  - (c) jagħmel spezzjoni fil-post jew jiddelega t-tweġiq ta' spezzjonijiet fil-post. Meta jkun meħtieġ għall-finijiet tal-aġir xieraq u l-effiċjenza ta' spezzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tagħmilha mingħajr preavviż.

**▼ M2**

2. Il-BĊE għandu jadotta deċiżjoni dwar il-proċedura u l-kundizzjonijiet għall-eżerċitar tas-setgħat imsemmija fil-paragrafu 1. Id-deċiżjoni għandha tiddikjara b'mod ċar kif dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati u l-aspetti proċedurali li għandhom jiġu osservati meta l-awtorità kompetenti tkun kemm il-BĊE kif ukoll bank ċentrali nazzjonali skont l-Artikolu 2(5)(b)(ii).

▼ **M1***Artikolu 21a***Organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' sorveljanza**

Awtorità kompetenti tista' twettaq attivitajiet ta' sorveljanza kontinwi u/jew *ad hoc* biex tevalwa l-konformità minn operatur ta' SIPS mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 3 sa 21 jew biex tippromwovi l-operat bla xkiel ta' sistemi ta' ħlas f'livell sistemiku.

*Artikolu 21b***Kunfidenzjalità**

Informazzjoni kondiviża minn operatur ta' SIPS ma' awtorità kompetenti fuq bażi kunfidenzjali tista' tiġi kondiviża mas-Sistema Ewropew ta' Banek Ċentrali (SEBĊ). Dik l-informazzjoni għandha tiġi trattata bħala kunfidenzjali mill-membri tas-SEBĊ, skont id-dmir ta' segretezza stabbilit fl-Artikolu 37.1 tal-Istatut tas-SEBĊ.

*Artikolu 22***Miżuri korrettivi**

1. Meta operatur ta' SIPS ma jkunx ikkonforma ma' dan ir-Regolament jew meta jkun hemm bażi raġonevoli biex jiġi ssuspettat li operatur ta' SIPS ma kkonformax ma' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha:

- (a) tagħti avviż bil-miktub lill-operatur ta' SIPS dwar in-natura tan-nuqqas ta' konformità jew nuqqas ta' konformità ssuspettata; u
- (b) tipprovdi lill-operatur ta' SIPS bl-opportunità li jinstema' u jipprovdi spjegazzjonijiet.

2. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn operatur ta' SIPS, l-awtorità kompetenti tista' timponi miżuri korrettivi fuq l-operatur tas-SIPS sabiex jirrimedja n-nuqqas ta' konformità u/jew jevita li jirrepetih.

3. L-awtorità kompetenti tista' timponi miżuri korrettivi immedjatament kif tidentifika li n-nuqqas ta' konformità huwa serju biżżejjed li jirrikjedi azzjoni immedjata. Għandha tipprovdi raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

4. Awtorità kompetenti li ma tkunx il-BĊE għandha tinforma lill-BĊE bl-intenzjoni tagħha li timponi miżuri korrettivi fuq operatur ta' SIPS mingħajr dewmien bla bżonn.

5. Miżuri korrettivi jistgħu jiġu imposti indipendentement jew b'mod parallel mas-sanzjonijiet imposti taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2532/98 tat-23 ta' Novembru 1998, dwar il-poter tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol.3, p.19).

**▼ M2**

6. Il-BĊE għandu jadotta deċiżjoni fuq il-proċedura li għandha tiġi segwita jekk ikunu se jiġu imposti miżuri korrettivi. Id-Deċiżjoni għandha tiddikjara b'mod ċar kif għandha tiġi osservata din il-proċedura meta l-awtorità kompetenti tkun kemm il-BĊE kif ukoll bank ċentrali nazzjonali skont l-Artikolu 2(5)(b)(ii).

**▼ M1***Artikolu 23***Sanzjonijiet**

F'każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament, il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2157/99 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/1999/4) <sup>(1)</sup>. Il-BĊE għandu jippubblika avviż dwar il-metodoloġija għall-kalkolu tal-ammont tas-sanzjonijiet.

*Artikolu 24***Reviżjoni**

Il-Kunsill Governattiv għandu jirrevedi l-applikazzjoni ġenerali ta' dan ir-Regolament sa mhux iktar tard minn sentejn mid-data meta jidħol fis-seħħ, u sussegwentement kull tliet snin, u jivvaluta jekk għandux jiġi emendat.

**▼ B***Artikolu 25***Dispożizzjonijiet finali**

1. Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. L-operaturi ta' SIPS għandu jkollhom sena mid-data meta tkun notifikata lilhom d-deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv skont l-Artikolu 1(2) sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.
3. Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri b'konformità mat-Trattati.

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 2157/99 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-23 ta' Settembru 1999 dwar is-setgħat tal-Bank Ċentrali Ewropew li jimponi sanzjonijiet (BĊE/1999/4) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol.3, p.139).